V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8798 — TA Associates/OTPP/Flexera Holdings)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 39/09)

1. Fis-26 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TA Associates, L.P. (l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Ontarios Teachers' Pension Plan Board ("OTPP") (il-Kanada)

— Flexera Holdings LP (l-Istati Uniti tal-Amerika)

TA Associates, L.P. u OTPP jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Flexera Holdings LP. kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AT Associates, L.P.: investimenti ta' ekwità privata permezz ta' diversi fondi f'ċerti industriji, inklużi s-servizzi tan-negozju, tal-konsumatur, servizzi finanzjarji, kura tas-saħħa u teknoloġiji ġodda.

— OTPP: l-amministrazzjoni ta' benefiċċji tal-pensjoni u investimenti ta' assi tal-pjanijiet tal-pensjoni f'isem għalliema attivi u rtirati fil-Provinċja ta' Ontario.

— Flexera Holdings LP: il-forniment ta' prodotti ta' software u servizzi lill-manifatturi ta' apparati tal-IoT, lill-pubblikaturi tas-softwer u lill-klijenti ta' intrapriżi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta. Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8798 — TA Associates/OTPP/Flexera Holdings

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË